**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBATX 8 ta' LULJU, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsillieri is-Sinjura Marisa Dámato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **14.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 14.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia nforma permess ta' messaġġ fuq il-mobile tas-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħax jattendi. **Dok 1 mehmuż** |
| | | |
| **14.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 14.2.1 | | Fir-rigward tal-laqgħa li s-Sindku u l-Kunsillier Joseph D'Amato, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom mad-Dipartiment tal-għargħar, fejn ġie mitkellem il-proġett li ilu maħsub li jsir fi Triq Bronja. Il-Kunsill ġie infurmat li l-preparamenti huma kollha lesti imma finanzi biex isir il-proġett m'hemmx. Is-Sindku qed titkellem mal-Ministru Ian Borg fuq dan ir-rigward. |
| | | |
| 14.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlettax - il seduta |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***14.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 14.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Żurrieqi Andrew Camilleri u Johnatan Debattista li għalkemm mhux miż-Żurrieq, diġa qed jaħadem fiż-Żurrieq laħqu qassisin. Hi qalet li l-Kunsill għandu jawguralhom. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>• Is-Sindku qalet li persuna oħra miż-Żurrieq Alexandra Mamo ħadet il-kariga ta' Assistent Kummissarju kontra r-reati ekonomiċi. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra ta' awguri. |
| | | |
| 14.3.2 | | Is-Sindku qalet li Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM talbu biex jitneħħew il-qsari ta' quddiem l-istatwa u l-palm li kellhom jinqalgħu minn ġor roundabout. Kien hemm qbil li jitneħħew. |
| | | |
| 14.3.3 | | Is-Sindku qalet li r-Reġjun Nofsinhar ser jgħati 2,000Euro fondi għal-cctv. Kien hemm qbil li din tiġi installata fejn il-Mitħna tax-Xarolla.<br>Kien hemm qbil li jiżdied id-dawl madwar il-Mitħna tax-Xarolla. |
| 14.3.4 | | Is-Sindku qalet li ġiet mitkellma minn persuni li jixtiequ jagħmlu attivita fil-ġnien il-ġibjun. Wieħed għal party żgħir u ieħor għal tieġ.<br>Is-Segretaru Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien qabel fuq bye law u tali bye law għadha ma ġiet approvata.<br><br>Il-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kaydem Schembri ma jaqblux li minħabba attivita fi ġnien il-ġibjun ir-residenti ma jkollhomx aċċess għalih.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li filwaqt li jaqbel mal-principju tal-bye law qal li rridu nagħmlu enfasi biex din il-bye law issir. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***14.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 14.4.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li kien semma fondi fuq sports u ma ingħatawx. Dan ma kienx ingħata minħabba il-Covid. |
| | | |
| | | |
| 14.4.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex :<br>• Mużiċist tal-orkestra jinsab indispost minħabba raġunijiet personali. Kien hemm qbil li din il-persuna tinkitbilha ittra ta' ringrazzjament.<br>• Issuġġerixxa li l-Kunsill japplika għal devoluzzjoni tal-art madwar it-torri tal-wardija biex jieħu ħsiebha u jsir embellishment tagħha, bil-bankijiet, u pjanti endemiċi. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fuq l-attivita' li ssir kull sena fis-sajf, saret laqgħa tas-sotto kumitat u kien hemm qbil li din is-sena, ssir f'Misraħ Repubbblika fil-25 ta' Settembru, 2020. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill irid jaħseb għas-sound, dawl u siġġijiet. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li jeħtieġ li fil-bidu tal-attivita' jibda jindaqq l-innu taż-Żurrieq u jispiċċa bl-Innu Malti. Hi qalet li kull kunċert li jsir jispiċċa bl-Innu Malti. Dan il-punt ser jiġi diskuss mal-kumitat u mas-Surmast.<br>• Il-kumitat ser jibda jaħdem fuq il-kalendarju li t-tema ta' din is-sena ser tkun il-Prof Pietru Pawl Saydon. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Triq Gio Batta Riccio hemm bżonn li ssir tabella li t-triq tagħlaq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Vjal ix-Xarolla hemm partijiet mis-service road baxxa tant li l-vetturi qed jgħaddu minn fuq il-bankina. Kien hemm qbil li l-pots li ser jitneħħew minn quddiem il-monument ta' Santa Katarina jitpoġġew f'din il-parti. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li wara l-monument tal-Madonna tal-Karmnu hemm żewġ posts antiki vojta li jeħtieġ li jitneħħew u jsiru fil-cat cafe. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fis-service Road ta' Vjal il-Blue Grotto hemm ħanut li għandu un/loading li għalaq. Kien hemm qbil li titneħħa l-un/loading bay.<br>• Ħanut ieħor – uffiċċju tal-bejgħ tal-granit li għandu un/loading bay għal tul ta' ġurnata kollha. Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Transport Malta biex jitnaqqas il-ħin u jinżamm għal ħin tal-ftuħ biss. |
| | | |
| 14.4.3 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab biex:<br>• biex isir il-lastiku tat-tappieri ta' Triq il-Qrendi. |
| | | |
| | | |
| 14.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dekasterju tiegħu jrid ikun jafhom hu l-ewwel.<br>F'dan il-ħin il-Kunsillier qam bil-wieqfa jirrabbja waqt li jħares lejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal li mhux ser jippermetti li jkun jaf minn face book li:<br>• Tħawlu siġar ġodda u li wara ftit ġew misruqa,<br>• Li twaħħal bin fi Vjal l-Indipendenza,<br>• Li ġew kenniesa minn Ozone Malta<br>• Li jibda, jieqaf u jerġa jitkompla l-qtugħ ta' ħaxix minn Clean Malta mingħajr ma jkun avżat hu<br>• Li jsir iffumukazzjoni tat-toroq waqt il-problema tal-Covid, mingħajr ma jkun jaf hu l-ewwel.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li mhux sew li s-Sindku ittella ritratti ta' manutenzjoni ta' funtana u ġonna mingħajr ma jkun jaf hu x'qed isir.<br>F'dan il-ħin is-Sindku wieġbet li hi tkun taf bl-affarijiet għax tagħmel ġranet fil- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kunsill u ddur it-toroq tar-raħal. Meta jkun hemm il-ħaddiema minn entitajiet li qed jgħatu għajnuna kbira lir-raħal, hi tkun magħhom, b'hekk tkun hi li ttellgħa ritratti tax-xogħlijiet li jsiru fir-raħal. Is-Sindku stiednet lill-kunsillier biex idur ir-raħal bħalha, ħalli jkun hu li jinforma lir-residenti xi jkun qed jiġri.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li la hi u l-anqas l-istaff m'għandhom il-ħin li kull ilment jew biċċa xogħol li tinqala, joqgħodu jċemplu lill-Kunsilliera biex javżawhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li normalment tintbagħat email, li hu stess, għalkemm tkun qed tistenna risposta mingħandu, għax tkun fid-dekasteru tiegħu, ma jwiġibx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lill-Kunsillier Kenneth Farrugia illi kieku jkun hemm interess u jattendi fil-kunsill u jara u jirrispondi l-emails, l-affarijiet ikun jafhom.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li jekk ser jibqa jkun jaf l-affarijiet minn sorsi oħra, jekk mhux mill-kunsill ser jagħti d-dekasteru tiegħu u joqgħod gallarija.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia tkellem fuq ix-xogħol ħażin li qed jagħmel il-kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-ġonna pubbliċi u s-soft areas. Hu qal li fjuri m'hawnx u tisqijiet mhux jagħmel biżżejjed. Hu qal li xeba jgħidlu lill-kuntrattur. Talab lill-Kunsill biex joħroġ direct order fuq ix-xogħol ta' dan il-kuntrattur. Ħadd minn dawk preżenti ma tkellem.<br>F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta twissi lill-kuntrattur bl-ilmenti li jkun ta l-kunsillier Farrugia (mingħajr ma tagħti informazzjoni ta' min ikun għamel l-ilment), il-kuntrattur, (saħansitra quddiem is-Sindku) qalilha li l-Kunsillier inkarigat minn dan id-dekasteru jfaħħar ix-xogħol li qed isir mill-ħaddiema tiegħu u ma jagħtihx tali ilmenti.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li għandha titniżżel lista ta' tip ta' siġar li hawn fiż-Żurrieq u ta' meta jeħtieġilhom żbir. Is-Segretarju eżekuttiv qalet li dan il-kuntratt, hu wieħed minn dawk li għandu contract manager tiegħu u tali xogħol jieħu ħsiebu hu.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ilmenta fuq il-facebook page yousafezurrieq għax meta jkun irid ipoġġi xi ħaġa fiha, iddum ma tiġi approvata mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lill-Kunsillier iċemplilha meta jkun irid ipoġġi fil-paġna, ħalli taċċettha mill-ewwel, mill-bqija hi nfurmat li mhux qedgħa fuq fb 24/7. Żiedet tgħid ukoll li hi ma taċċettax kull tip ta' posts fuq din is-site u kienet diġa infurmatu li affarijiet ta' politika ma taċċettax.<br><br>L-argument waqaf hawn u l-Kunsillier Kenneth Farrugia poġġa bilqedgħa biex tkompli s-seduta. |
| | | |
| 14.4.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li hemm bżonn li jsir patching fejn wied fulija. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 14.4.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• Fi Triq is-Surmast Frances Falzon hemm plakka tal-isem tat-triq li tgħid is-Surmast Frances Falzon filwaqt li fuq ir-reġistru elettorali hemm biss Triq Frances Falzon. Hi qalet li jeħtieġ li l-Kunsill jinsisti mal-Kumitat Ismijiet tat-toroq biex fir-reġistru elettorali, jkun hemm Surmast qabel l-isem. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Talbet biex tiġi organizzata attivita' ta' għana. L-għannejja jieħdu 50Euro kull wieħed u jkun hemm bżonn bejn 4 u 7 għanneja. Ġiet issuġġerieta d-data tal-31 ta' Lulju jew l-1 ta' Awwissu. Hi ssuġġeriet li jew jintuża l-post fejn il-Mitħna, il-pjazza ta' Bubaqra jew Pjazza San Ġorg. Minħabba attivita' ta' Ministru f'raħal ieħor ġar taż-Żurrieq, kien hemm qbil li l-attivita' issir fl-1 ta' Awwissu.<br>• Persuna ħarġet żewġ kotba fuq memorja kollettiva taż-żrieraq. Tixtieq li dak inhar tal-attivita, din il-persuna titkellem fuq dan is-suġġett. Kien hemm qbil fuq dan. Issuġġeriet ukoll li tali attivita' tkun għall-memorja tas-Sur George Sammut. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issuġġeriet li ssir laqgħa agrarja fl-iskola taż-Żurrieq fl-24 ta' Settembru. Is-Suġġett ser ikun żbier tal-Ħarifa bejn is-18:00 u d-21:00. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ġie ssuġġeriet biex jiġi rekordjat l-Innu taż-Żurrieq – jiġi rrekordjat ġo studio, l-mużika u l-video editing tieħu ħsiebu l-Kunsillier stess bla ħlas. Kien hemm qbil li jinġabru stimi fuq recording tal-mużika.<br>• Tal-linja baqgħet tiela fuq il-pjanti ta' Triq Dun Ġużepp Zammit u għamlet ħsara lill-pjanti.<br>• hemm bżonn li jinqata l-ħaxix selvaġġ ta' madwar il-palm. |
| | | |
| 14,4.6 | | Il-Kunsillier Kaydem Farrugia qal :<br>• li beda x-xogħol fuq Miżura 3 - Promotion of Cultural Heritage, tal-Gal Xlokk li wara li fis-seduta preċedenti kien hemm qbil li l-Kunsill japplika biex jagħmel app fuq il-mobile. Intalbu tliet stimi għal din l-app.<br>• Ressaq petizzjoni minn residenti ta' Triq Santa Klementina biex issir sleeping policeman quddiem il-blokka tal-flats tagħhom, fejn faċċata m'hemmx bini. **Dok 6 mehmuż**. F'dan il-punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia ma qabilx li l-Kunsill għandu jerġa jitkellem il-każ, għax ma kienx għadda żmien biżżejjed minn mindu l-Kunsill ma qabilx ma tali talba.<br>• Sid ta' għalqa fi Triq il-Qrendi ta' spiss qed iwaqqawlu l-ħajt tal-għalqa. Hu jixtieq crash barrier tul il-ħajt tiegħu. Kien hemm qbil li jekk is-sid jaqbel, isiru żewġ poles minflok crash barrier. Wara tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br>• Fi Triq Dun Gwann Camilleri jeħtieġ li l-Kunsill isolvi l-problema tal-ilma li joqgħod fit-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibqa jinsisti mal-awtoritajiet biex isolvu l-problema.<br>• Staqsa fuq servizz għat-trasport għall-anzjani fir-raħal. Is-Sindku nfurmat li minn din il-ġimgħa d-dipartiment tal-anzjani ser jorganizza vettura li iddur maż-Żurrieq bl-anzjani li jkollhom bżonn. Is-Sindku qalet li tali servizz irid ikun ibbukkjat minn qabel. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Hemm bżonn li jinxtara komputer għal-librerija għall-użu ta' min juża l-librerija.<br>• jsir bank fil-bitħa tal-iskola fil-parti fejn ikun hemm id-dell – kien hemm qbil fuq dan ġaladarba l-kap tal-Iskola japprova.<br>• Biex Triq Espeditu Deguara – tigi imwittija t-triq qabel ma Infrastructure Malta jaghtiha tarmakk. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Ġibdet l-attenzjoni li s-Sindku marret tara l-art li l-Kunsill tkellem fuqha fis-seduta preċendenti li ġiet ipproponuta li issir Fire point. Il-Kunsillier xtaqet li s-Sindku ma marritx waħida, imma kien ikun aħjar li avżat lill-Kunsilliera biex min ried jattendi setgħa attenda. Is-Sindku qalet li hi ġiet mistiedna biex tmur u min stedinha ma qalilix biex tgħid lill-kunsilliera jmorru ukoll. |
| | | |
| 14.4.7 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li ftit jiem ilu kien hemm żewġ okkażjonijiet li fiż-Żurrieq kien preżenti l-Onorevoli Ministru Owen Bonnici fl-iskola u hu ma kienx infurmat. Is-Sindku qalet li fl-ewwel okkażjoni li kien preżenti, hi kienet mistiedna tattendi fl-iskola 10minuti biss qabel. Dan ikkonfermatu s-Segretarju Eżekuttiv għax kien il-Ministru stess li ċemplilha biex jgħidilha bl-appuntament minuti biss qabel, miħabba li l-impjegati tiegħu bi żvista ma infurmawx.<br>Is-Sindku żiedet tgħid li fit-tieni okkażjoni hi flimkien mal-Kunsillier Joseph D'Amato, marru fl-ewwel jum li reġgħet fetħet il-librerija u mingħajr ma kienu jafu kien hemm l-Onor. Bonnici preżenti każwalment. Dan ukoll ġie kkonfermat mill-Kunsilier Joseph D'Amato. Is-Sindku żiedet tgħid li jekk Ministru, dipartiment, għaqda jew xi ħaddieħor jistieden lilha bħala Sindku, hi trid tmur u mhux ser tkun hi li tistieden lil xi ħaddieħor għan-nom ta' min ikun stedinha. |
| | | |
| 14.4.8 | | F'dan il-punt kien hemm qbil unanimu li l-punt 14.6 jiġi diskuss issa qabel ir-rapporti punt 14.5 |
| | | |
| **14.6** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| | | |
| **14.6a** | | **PC10/18 – Ser ikun preżenti l-kuntrattur relatat ma' din l-applikazzjoni kif ukoll il-konsulent tal-Kunsill Lokali rigward Planning Applications** |
| | | |
| 14.6a.1 | | Il-Kuntratur li applika għall-permess PC10/18 ġie fis-seduta biex jispjega l-proġett kif ser ikun propost u x'lest li joffri lill-Kunsill.<br>Il-persuna teknika li l-kunsill qabbad biex tgħati l-għajnuna, filwaqt li wriet fuq sit plan, is-sit tal-proġett maħsub, qalet irid isir żvilupp komprensiv għal kull żona fosthom dawn il-punti li qed titlob il-policy:<br>1. 30% tas-sit ikun dedikat għal użu ta' rikreazzjoni/faċilitajiet sportivi, li 75% minnu ikun spazju pubbliku miftuħ - Dawn għandhom jinkludu ġnien pubbliku jew playing field, jew faċilitajiet oħra rikreazzjonali jew sports (bħal footbal pitch, tennis court jew gym);<br>2. Bejn 10-15% tkun riservata għal faċilitaijiet soċjali għall-komunita, (bħal dar tal-anzjani jew sheltered housing, ċentru day care, ċentru pastorali |

jew simili);

3. Bejn 55% - 60% ikun għal użu residenzjali (il-persewntaġġ jinkludi wkoll it-toroq u l-area meħuda għall-parking);
4. Isir studju arkaeoloġiku sabiex jidentifika fejn jinsabu, l-istat u l-importanza ta' fdalijiet arkeoloġiċi - f'każ li jintabu, iridu jiġu ntegrati fl-iżvilupp;
5. L-għoli tal-bini stabbilit għal 17.5 m;
6. L-iżvilupp jinkludi faċilitaijiet għall-ġbir tal-ilma b'kapaċita minima ta' 0.5 cubic metres għal kull metru kwadru;
7. Triq il-Passju jkollu aċċess ma' Triq Fra Gammari Zammit;
8. Jiġi mponut buffer bejn il-ħitan antiki ta' wara tal-kunvent u l-bini viċin ma' kull bini ieħor li jsir - Dan l-ispazju għandu jinkludi 'soft and hard landscaping' (bħal bankijiet u pjanti adatti);
9. Passaggi pedonali li jgħaqqdu dan il-buffer (bejn il-parti antika u l-ġdida) ma' spazji pubbliċi miftuħa;
10. Jiġi nkluż parking taħt l-art;
11. L-Awtorit tal-Ippjanar trid tikkonsulta mal-Kunsill Lokali Żurrieq fuq il-proposta ta' żvilupp fiż-żona b'mod partikulari sabiex jiġi stabbilit x'tip ta' użu rikreazzjonali u faċilitaijiet soċjali u tal-komunita' l-aħjar li jsiru f'din iż-żona;
12. Iż-żona ma tistax tiġi żviluppata plot plot;
13. Il-Awtorità tal-Ippjanar trid tassigura li kwalunkwe żvilupp li jsir f'xi parti taż-żoni ikun jippermeti żvilupp wieħed komprensiv, u li jinkludi spazji pubbliċi miftuħa, faċilitaijiet għar-rikreazzjoni u faċilitaijiet soċjali għall-komunità.

Il-kuntrattur preżenti qal li:

- bini fuq is-sit ser ikun ta’ 52%.
- Il-kulur aħdar tal-pjanta (kopja annessa ma dawn il-minuti dok 7) hi zona ta’ rikreazzjoni kollha, dan ser ikun imdawwar mal-bini li ser isir.
- Il-Kuntrattur lest li jgħati żona ta’ bini lill-Kunsill bla ħlas, li tintuża għal night shelter għall-anzjani. Tali binja ser tingħata f’shell form. Dan isir b’kuntratt. Tali ftehim sar ma kunsill ieħor.
- L-open space isir b’turf, bankijiet u tiżjien bid-dawl. Il-manutenzjoni ta’ dan kollu hi parti mill-komun u tieħu ħsiebu l-kumpanija tal-kuntrattur stess.
- Ser ikun hemm spazzju mis-sit li ser ikun dar tal-anzjani. F’dan il-punt il-kuntrattur ġie mistoqsi jekk id-dar tal-anzjani hix ser tkun bi sħab mal-gvern. Il-kuntrattur wieġeb fin-negattiv.
- Units tal-bini residenzjali ser jiddaħħlu bejn 160 u 170.
- Biex tidħol bil-vettura fiż-żona trid tidħol miż-żona tal-garaxxijiet.
- Ser ikun hemm cctv madwar is-sit kollu
- F’nofs il-binja ser isir gym bi ħlas.
- Fir-rigward tal-iskart tar-residenti, ser jieħu ħsiebhom il-kuntrattur billi jinġabar l-iskart akwata, akwata, mill-kumpanija tiegħu stess.

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku talbet li n-night shelter li ser jingħata jkun kompletament lest mill-kuntattur u mhux jingħata f'shell form. Il-Kuntrattur ma oġġezzjonax.<br>Din id-diskussjoni spiċċat hawn u ser tiġi diskussa f'seduta li jmiss bejn il-kunsilliera. |
| | | |
| 14.6a.2 | | F'dan il-ħin il-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia ħarġet is-seduta (ħin 20:30) |
| | | |
| ***14.5*** | | **Rapporti** |
| | | |
| **14.5.a** | | **Rapport Finanzjarju ta' Kull kwart- it-tieni kwart** |
| | | |
| 14.5a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet r-rapport tat-tieni kwart. Dan ġie approvat. **Dok 5 mehmuż.** |
| | | |
| **14.5b** | | **L-ittra tal-Udituri** |
| | | |
| 14.5b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ittra tal-Udituri u r-risposta għaliha, mħejja mil-accountant tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju eżekuttiv. Dawn ġew approvati. **Dok 3 u 4 mehmuża.** |
| | | |
| 14.5b.2 | | F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta (ħin 20:40) |
| | | |
| | | |
| **14.6b** | | **Sit għal Fire point fi Sqaq San Tumas** |
| | | |
| 14.6a.1 | | Nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju saret laqgħa bejn il-Kunsill u rappreżentanti miż-żewġ soċjetajiet tal-kmamar tan-nar tal-festi. Din il-laqgħa saret biex sit fi Sqaq San Tumas tkun devoluta lill-Kunsill halli s-soċjetajiet jitolbuha lill-Kunsill. Minuti ta' din il-laqgħa jinsabu **mehmuża Dok 2.** |
| | | |
| 14.6a.2 | | Is-Sindku qalet li ġiet offruta mis-soċjetajiet biex tmur tara l-art inwistjoni u marret tara l-post.<br>Kien hemm qbil minn dawk preżenti, biex l-art tkun devoluta lill-Kunsill.<br>Kien hemm qbil li din it-talba ta' devoluzzjoni, tkun l-ewwel prijorita tad-devoluzzjonijiet li ser jitlob il-kunsill. Il-kunsill ħa dan il-pass għax meta saret il-laqgħa mas-soċjetajiet intwera r-responsabbilta' li tieħu kull soċjeta u li l-Kunsill mhu ser jidħol fl-ebda spejjeż u responsabbilta jekk ikun hemm xi inċdent u fuq il-bażi tal-koperta ta' assigurazzjoni li kull soċjeta tagħmel fir-rigward.<br>Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li din is-sit tkun devoluta għal użu biss ta' fire point. |
| | | |
| ***14.6c*** | | ***EPOS Payments*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 14.6c.1 | | Is-Segretarju eżekuttiv issuġġeriet li minħabba li l-banek m'għadhomx jaċċettaw muniti biex jiġu ddepożitati, u minħabba l-fatt li ħafna min-nies qed isibuha aktar faċli li jħallsu bil-card, l-Kunsill għandu jdaħħal is-sistema tal-EPOS.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***14.6*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 14.6.a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet:<br>• Il-kunsill reġgħa rċieva talba biex isiru sleeping policeman fi Triq il-Pluvieri. Ir-residenti li kienu għamlu petizzjoni, din id-darba bagħtu video clip li juri kif jgħaddu l-vetturi mit-triq. Meta jgħaddi żmien biżżejjed biex jerġa jitqajjem dan il-punt, jista jrġa jiġi diskuss.<br>• Residenti ta' Triq San Martin fil-parti li tagħmel ma' Triq Sant Agata talbu biex bil-parti ċentrali fejn hemm il-ħamrija titwessa u titpoġġa picnic table bil-bankijiet, u fil-parti l-oħra issir bħal librerija żgħira. Ma kienx hemm qbil għal picnic table u kien hemm qbil li ssir librerija zgħira.<br>• Biex isiru bollards fi Triq Filippu Farrugia k/m sqaq bla isem minħabba li l-vetturi qed jipparkjaw fil-kantuniera. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Is-Sindku reġgħet ġiet mistiedna biex tattendi ċ-ċerimonja li ssir kull sena f'Morphou. Il-Kunsill ta' Mophou ser iħallas għall-akkomodazzjoni ta' persuna waħda.<br>• Biex jitneħħa dog bin li jinsab fi Triq Arturu Dimech għax qed idejjaq lir-residenta tal-viċin. Ma kienx hemm qbil fuq dan, minħabba li tali dog bin jintuża ħafna u jinsab fuq bankina wiesgħa ħafna u li ma jmissx ma residenzi.<br>• Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju, 2020, bejn is-19:30 u it-20:00, quddiem il-Ġnien tal-Ġibjun ser ikun hemm Hybrid Festival li ser itellgħu wirja f'isem Festivals Malta. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 14.6a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kien qed ikun ippressat biex isib post alternattiv lill-bejjiegħa tal-monti li jarmaw fi Vjal il-Blue Grotto sakemm isir ix-xogħol fit-triq. Bejjiegħa hemm 92 b'kollox. Imma illum qabel ma inbdiet is-seduta ġiet infurmata mill-kuntrattur li x-xogħol ta' tarmakk tlesta u l-bejjiegħa għada l-Ħamis jistgħu jarmaw. Hi infurmat il-president tal-union tagħhom b'dan kollu. L-aħħar fażi tat-triq li tirrikjedi xogħol ta' jum jew jumejn, ser issir fi ġranet li ma jkunx il-Ħamis. |
| | | |
| 14.6a.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-budget tal-bankini ġie eżawriet u qed titlob li parti mill-budget tal-patching numru 2350 u mill-manutenzjoni ta' bankijiet u amara tat-toroq numru 2310, jiġu trasferiti għall-budget account tal-bankini biex talinqas issir il-manutenzjoni fejn meħtieġ. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 14.6a.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' bejjiegħa tal-gabbani tal-festa li jridu jarmaw nhar il-Ħadd 19 ta' Lulju, 2020. Hemm 9 bejjiegħa li jridu jarmaw fi Triq Dun Ġużepp Zammit u 5 li jridu jarmaw fi Triq P P Saydon. Kien hemm qbil fuq |

| | | |
|---|---|---|
| | | dan. |
| | | |
| | | |
| ***14.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 14.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar 35 u 36 u tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali numri 33 u 34. |
| | | |
| ***14.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 14.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 8** għall-ammont totali ta'**€55,105.27.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Kaydem Schembri u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***14.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 14.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:05. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 19ta' Awwissu, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _19_____ ta' AWWISSU, 2020.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**